# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**
**ONOR. GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 11 ta' Mejju, 2001.**

**Numru 1**

**Citaz. Nru. 667/01GV**

**Communique Creative Limited**

**vs**

**Rinella Entertainment Ltd**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz taghha gie premess illi s-socjeta' konvenuta hija debitrici tas-socjeta' attrici fl-ammont ta' tmien telef erbgha u hamsin lira Maltin u sitta u sittin centezmi (Lm8,054.66) rappresentanti bilanc dovut wara servizzi rezi;

Premess illi ghalkemm interpellata sabiex thallas l-ammont dovut is-socjeta' konvenuta ma hallset xejn;

Premess illi dan id-debitu huwa cert, likwidu u skadut u l-attur qieghed jipprezenta ma din ic-citazzjoni affidavit guramentat skond l-artikolu 167 (1) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta (Dok. B);

Ghaldaqstant is-socjeta' attrici talbet lil din il-Qorti, ghar-ragunijiet premessi:

1. Tiddecidi l-kawza skond it-talba bid-dispensa tat-trattazzjoni;

2. Tikkundanna lis-socjeta' konvenuta, thallas lis-socjeta' attrici, is-somma ta' tmien telef erbgha u hamsin lira Maltin u sitta u sittin centezmu (Lm8,054.66), liema ammont huwa dovut kif fuq spjegat.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 4 ta' April, 2001 u tal-mandat ta' qbid u ta' sekwestru pprezentati kontestwalment kontra s-socjeta' konvenuta. Bl-imghax.

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda tas-socjeta' attrici;

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lis-socjeta' konvenuta li naqset li tipprezenta nota ta' eccezzjonijiet u hekk baqghet kontumaci;

Semghet l-avukat tas-socjeta' attrici;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata;

Fil-kontumacja tas-socjeta' konvenuta tiddecidi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici kif dedotta fic-citazzjoni bl-imghax u bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta.

**ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Frankie Mercieca**
**DEPUTAT REGISTRATUR**